

Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju jallega l-ksur tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan l-aggravju huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u li tmur kontra l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' sussidjarjetà, sa fejn din ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li r-relazzjoni ġuridika indikata bejn il-konsulent ġuridiku (radca prawny) u l-Università hija bbażata fuq l-indipendenza u l-ugwaljanza tal-partijiet, u li, min-natura tagħha stess, il-professjoni ta' konsulent ġuridiku fl-ordinament ġuridiku Pollakk hija kkaratterizzata bl-indipendenza kif ukoll bl-assenza ta' subordinazzjoni tagħha fil-konfront ta' partijiet terzi u hija wkoll professjoni ta' fiduċja pubblika.

It-tieni aggravju jallega l-ksur mill-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura tat-23 ta' April 2015. Dan l-aggravju huwa bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tad-deċiżjoni tagħha inkwantu, fil-motivi tad-digriet appellat, hija pprovdiet dikjarazzjoni astratta u naqset milli tagħmel rabta bejn l-opinjoni espressa u l-fatti inkwistjoni f'din il-kawża, u għalhekk illimitat b'mod sinjifikattiv il-possibbiltà għall-appellanti li tesponi difiża xierqa.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pécsi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fit-22 ta' Settembru 2017 – Alekszjij Torubarov vs Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal

(Kawża C-556/17)

(2018/C 005/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Pécsi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u tax-Xogħol ta' Pécs, l-Ungerija)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Alekszjij Torubarov

Konvenut: Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal (Uffiċċju tal-Immigrazjoni u tal-Ażil)

Domanda preliminari

L-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali⁽¹⁾, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qrati Ungeriżi għandhom is-setgħa jirrifurmaw id-deċiżjonijiet amministrattivi tal-awtorità kompetenti fil-qasam tal-ażil li bihom tiġi miċħuda l-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jikkonċedu l-imsemmija protezzjoni?

⁽¹⁾ ĠU L 180, p. 60.

Appell ippreżentat fit-22 ta' Settembru 2017 mir-Repubblika tal-Polonja mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-13 ta' Ġunju 2017 fil-Kawża T-137/16, Uniwersytet Wrocławski vs L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)

(Kawża C-561/17 P)

(2018/C 005/26)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Appellanti: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: B. Majczyna, aġent)